



# Ir-Restawr tal-Vara Titulari

*Conrad D'Amato*

Fl-aħħar tliet snin ktibt artiklu kull sena fuq dak li kien għaddej sabiex tiġi rrestawrata l-vara titulari ta' San Pietru. Dan l-artiklu se jkun l-aħħar wieħed li se nikteb minħabba li x-xogħol fuq dan ir-restawr ġie fi tmiemu. Għalhekk, permezz ta' din il-kitba, se nagħti informazzjoni fuq dak kollu li seħħ fl-aħħar sena.



Hekk kif bdiet toqrob il-festa beda wkoll jiġi fi tmiemu dan ir-restawr li apparti l-vara inkluda wkoll l-erba' gastri tal-ganutell kif ukoll l-aċċessorji tal-fidda kollha tal-vara, apparti s-salib pettorali li ma kellux bżonn. Rigward l-aċċessorji, l-imfietaħ, id-dijadema, il-ktajjen u l-manetti, kellhom jingħataw banju bid-deheb kompletament ġdid minħabba li dan kien spiċċa frott it-tindif mhux professjonali li kien sar min-nies li ma kellhom l-ebda intenzjoni ħażina. Dan ix-xogħol sar mid-ditta Cassar taż-Żejtun fl-istess post fejn fl-1981 kienu nħadmu l-imfietaħ ġodda li llum għandha l-vara.

Fl-istess waqt il-Kappillan, il-Kan. Anton Galea Scannura, flimkien ma' diversi individwi rappreżentanti taż-żewġ każini tal-baned u membri mill-grupp tal-armar tal-parroċċa, iltqajna sabiex flimkien naraw kif se jiġi organizzat ir-ritorn tal-vara titulari lura lejn raħalna. Kien hemm diversi suġġerimenti però x-xewqa tal-maġġoranza kienet li din il-vara terġa' tiġi lura bl-istess mod ċelebrattiv li bih ġiet fir-restawr tal-1974, jiġifieri bil-baħar. Però dan kien jinvolvi ħafna xogħol ta' organizzazzjoni u prekawzjonijiet tekniċi li kellhom jittieħdu sabiex il-vara ma ssirilha l-ebda ħsara minħabba l-umdità u l-elementi mielħa li joffri l-baħar. Mill-banda l-oħra, kellu jiġi organizzat ukoll il-mod li bih il-vara u l-pedestall jerġgħu jiġu armati flimkien barra minn Birżebbuġa sabiex id-dehra tal-vara wara r-restawr tkun waħda sorpriża għan-nies tar-raħal.

Kien meħtieġ li jinstab garaxx jew maħżen b'saqaf u bieb għoli sabiex fih tintrama mill-ġdid il-vara fuq il-pedestall u l-bradella, però minħabba l-kobor tal-vara tagħna u t-toqol tagħha, dan ma kienx possibbli. Għalhekk fuq suġġeriment tal-artist Aaron Camilleri Cauchi ġie deċiż li l-vara, il-pedestall u l-bradella jerġgħu jiġu armati quddiem il-bottega tiegħu fil-Fgura u dan grazzi għall-kooperazzjoni li sibna mill-Kunsill Lokali tal-istess lokal. Għalhekk nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju fl-10 ta' filgħodu diversi nies midħla tal-knisja ngabru sabiex ħarġu l-pedestall u l-bradella minn ġol-knisja u poġġewhom fuq trakk fejn dan iddaħħal ġol-maħżen tal-armar. L-għada filgħodu, it-Tnejn 30 ta' Lulju, apparti li kien jum il-ħruġ tal-vara min-niċċa, però għas-sena 2017 il-festa kienet se tibda differenti mis-soltu. Għalhekk diversi voluntiera kmieni filgħodu ngabru quddiem il-maħżen tal-armar u minn hemm erħewlha lejn il-Fgura sabiex jarmaw il-vara. Ix-xogħol ried isir kmieni sabiex din l-operazzjoni delikata ssir fid-dell qabel tilħaq ix-xemx. Hekk kif il-vara reġgħet sabet postha fuq il-pedestall u l-bradella, din tgħabbiet fuq trakk *low loader* ġentilment misluf mis-Sur Dennis Micallef tar-Roc-A-Go, u filwaqt li ġiet mgħottija, din inġarret lejn il-*plant* tal-istess Sur Micallef fiż-Żejtun fejn il-*low loader* bil-vara fuqu ddaħħal ġo maħżen kbir għad-dell sakemm isir il-ħin li fih il-vara tibda l-vjaġġ tagħha lejn Marsaxlokk. Irridu ngħidu li f'kull okkażjoni li fiha kien hemm it-trasport tal-vara fit-toroq Maltin, ittieħdu l-prekawzjonijiet u l-permessi kollha meħtieġa, kemm sabiex ma jinħoloqx periklu għas-sewwieqa li jinzertaw fit-triq, kif ukoll sabiex ma ssirx ħsara fuq il-vara.

Għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija il-*low loader* bil-vara fuqu telaq miż-Żejtun lejn Marsaxlokk fejn hemm il-vara sabet ir-reffiegħa kollha taż-żewġ gruppi tal-parroċċa jistennewha. Hekk kif din inkixfet mid-drapp li kien qed jostorha, setgħu jiġu nnutati l-ewwel reazzjonijiet pożittivi tan-nies li ngabru fuq il-post. Minnufih ir-reffiegħa flimkien niżżlu l-vara minn fuq il-*low loader* u tgħabbiet fuq il-lanċa. It-tlugħ u l-inżul tal-vara fuq il-lanċa kien l-ikbar uġigħ ta' ras minħabba li t-toqol tal-vara ħassibna mhux ftit, però bil-koordinament tar-reffiegħa kollha, din il-







biċċa xogħol saret bl-iktar mod trankwill. Fis-sitta ta' filgħaxija l-vara bdiet il-vjaġġ tagħha bil-baħar minn Marsaxlokk sal-Bajja ta' San Ġorġ akkumpanjata minn għadd kbir ta' dgħajjes u opri oħra tal-baħar li ħolqu atmosfera li diffiċli li tintesa. Fuq il-lanċa kien hemm ukoll ir-reffiegħa kollha, membri tal-grupp tal-armar u l-Kappillan li deher ferm kuntent bl-atmosfera ferriħija li kien hemm. Tul dan il-vjaġġ fuq il-baħar, il-pedestall inżamm mgħotti bħala prevenzjoni u dan inkixef hekk kif wasalna Birżebbuġa.



Hekk kif il-lanċa trakkat mal-moll ta' San Ġorġ, ir-reffiegħa reġgħu niżżlu l-vara minn fuq il-lanċa u hekk kif din niżlet fuq il-moll, il-poplu kollu miġbur b'mod spontanju nfexx f'ċapċipa kbira. Ftit wara ż-żewġ baned tar-raħal, il-Banda San Pietru u l-Banda Birżebbuġa, laqgħuha flimkien bid-daqq tal-Innu Popolari. Minn hemm il-vara bdiet it-triq tagħha f'korteo lejn il-knisja parrokkjali akkumpanjata miż-żewġ baned lokali li daqqew flimkien f'*massband*. Il-korteo għadda mill-Bajja ta' San Ġorġ għal Triq San Stiefnu, Triq Santa Katarina, Triq il-Knisja, Triq id-Duluri għall-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa sal-pjazza tal-knisja.

Għall-ħabta tas-sebgħa u nofs, il-vara telgħet fuq iz-zuntier fejn il-Kappillan inċensaha u wara saret iċ-ċelebrazzjoni li ssir kull sena f'jum il-ħruġ tal-vara min-niċċa. F'din l-okkażjoni kellna fostna lill-Arċisqof Charles J. Scicluna li bierek l-istatwa u tana l-kelma tiegħu. F'diskors li għamel il-Kappillan, filwaqt li rringrazzja lil kull min kellu sehem f'dan il-proġett ta' restawr fosthom anke lill-benefatturi, però bix-xieraq irringrazzja b'mod speċjali lis-sinjuri Salvu u Feliċita Cutajar tad-donazzjoni speċjali tagħhom sabiex b'hekk ir-restawr kollu li qabeż il-25,000 ewro kien inġabar minn fost il-benefatturi. Din l-okkażjoni memorabbli spiċċat bid-dħul tal-vara lura fil-knisja tagħha ferm isbaħ minn l-aħħar darba li kienet fiha. L-għada l-gastri tal-ganutell ġew armati fuq il-bradella sabiex il-parruċċani setgħu issa japprezzaw ix-xogħol kollu li kien sar b'mod komplut. Tajjeb jingħad ukoll li din l-attività ngħatat prominenza fuq il-mezzi tax-xandir lokali.

Ma nistgħux ngħidu li tul dan il-proġett li dam erba' snin ma kienx hemm intoppi u problemi. Però bil-kollaborazzjoni ta' kull min kien involut, dawn ġew kollha solvuti u llum nistgħu nħarsu lura lejn dak li ġara b'sodisfazzjon u forsi anke b'nostalġija. Ir-ringrazzjamenti għal dan il-proġett jistgħu jieħdu fit-tul u għalhekk il-Kappillan irringrazzja lil kulħadd tas-sehem kbir jew żgħir li seta' ta. Però pubblikament nirringrazzja lill-Kappillan, il-Kan. Anton Galea Scannura tal-entużjażmu, l-impenn u d-determinazzjoni li wera tul il-proġett kollu, lill-membri tal-Grupp tal-Armar tal-parroċċa fosthom lis-sinjuri Jason Vella, Steve Briffa u Sunny Bonnici tal-koordinament tagħhom sabiex ġie organizzat il-vjaġġ tal-vara kollu mill-Fgura sal-knisja parrokkjali, lil Peter Camilleri (il-Pajju) u lil Ninu Bonnici (is-Sunnu) talli dejjem kienu pronti bit-trakkijiet tagħhom, lil Dennis Micallef talli ġarr il-vara permezz tal-*low loader* u tal-ispazju li offra fil-*plant* tiegħu, lil Frankie Fava talli ġarr il-vara permezz tal-lanċa tiegħu, lir-reffiegħa taż-żewġ gruppi tal-parroċċa tal-kontribut





siewi tagħhom kull darba li ġew imsejħa, lill-kumitati taż-żewġ każini tal-baned tal-kooperazzjoni indispensabbli ta' bejniethom, lil kull min offra l-għajnuna tiegħu kull meta ġiet armata jew żarmata l-vara b'mod partikolari lis-Sur Mario Bonnici (ta' Karpju) li mexxa dawn l-operazzjonijiet li qatt ma kienu faċli, lil Jurgen Camilleri (l-Baksi) tal-għajnuna tiegħu sabiex inġabru l-fondi għall-pedestall, lil Roberto D'Amato tar-ritratti u l-aġġornament li ta fuq il-paġna ta' *facebook*, lill-artisti kollha li ħadmu fuq dan il-proġett għall-mod kollaborattiv li ħadmu magħna u anke bejniethom. Fl-aħħar ma nistax ma nirringrazzjax lill-benefatturi kollha li bis-saħħa tagħhom sar dan il-proġett, u li wħud minnhom diġà qed igawdu lil San Pietru fis-sema.

Il-ħolma ta' ħafna issa twettqet, għalhekk hu importanti li nibżgħu għall-vara billi ma nitfgħux karti fuqha, nagħmlu ħilitna sabiex ma jaqax fdal tal-logħob tan-nar fuqha, li minnu nnifsu hu kimika qerrieda għall-induratura, u li ħadd ma jipprova jnaddaf il-vara jew xi aċċessorji tagħha mingħajr ma jiġi inkarigat mill-Kappillan. B'hekk inkunu qed niżguraw li dan ir-restawr iservi fit-tul kemm jista' sabiex din il-vara tkun tista' tiġi gawduta minna u l-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu warajna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**BIRŻEBBUĠA**
**FILLING STATION**

*for puncture repairs, oils, accessories, new batteries, tyres, etc.*

Misraħ is-Summit Bush Gorbachev,
Birżebbuġa

**Tel: 2165 4842**

ST MARY STORE

Triq iċ-Ċief, Birżebbuġa
Tel: 21 651 631

*For all your needs*
*Groceries, Frozen Foods, Wines, Spirits, etc.*

**DAILY MEAT BUTCHER**

**All Fresh and Frozen Meat,**
**Frozen Products,**
**Fresh Chicken,**
**Marinated Chicken, BBQ Ribs and others also available**

**HIGH QUALITY MEAT GUARANTEED**

**FREE DELIVERY**

**Joseph Caruana**
**18 St John Street, B'Bugia**
**Tel: 2165 8822**

Now open in B'Bugia
Tel: 21421976

**THE CATHEDRAL GROUP LTD.**

**SUNGLASSES:** POLAR CEBE
**DAYSOFT UV:** ONE DAY DISPOSABLE CONTACT LENSES

Open ALL DAY at Gwardamanga
Mon - Fri: 0830 - 1930 Sat: 0830 - 12.30
Tel: 2122 6020/3, 2122 8370

| | | | |
|---|---|---|---|
| Fgura | 2167 3332 | Birżebbuġa | 2142 1976 |
| Żebbuġ | 2146 5768 | Rabat | 2145 0845 |
| Birkirkara | 2149 0213 | Luqa | 2189 5248 |
| Qormi | 2148 8950 | Atard | 2141 8315 |
| Naxxar | 2143 1152 | San Ġwann | 2138 3947 |